

32005D0056

27.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 24/35

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Jannar 2005

**li tistabbilixxi l-“Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali” għat-tmexxija ta' l-azzjoni komunitarja fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u l-kultura fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003**

(2005/56/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

natura teknika, li ma jimplikawx teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika, u titlob livell għoli ta' għarfien tekniku u finanzjarju matul il-fażijiet tal-proġett.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li jitratta dwar l-istatut ta' l-aġenziji eżekuttivi inkarigati minn ċerti xogħlijiet relattivi għat-tmexxija ta' programmi komunitarji <sup>(1)</sup>, u b'mod speċjali l-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 3 imsemmi fih,

- (4) Id-delega ta' xogħlijiet marbuta ma' l-eżekuzzjoni ta' dawn il-programmi lil xi aġenzija eżekuttiva tista' ssir skond separazzjoni ċara bejn min-naħa waħda l-istadji tal-programmazzjoni u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' finanzjament, li għandhom ikunu ġejjin mis-servizzi tal-Kummissjoni, u min-naħa l-oħra t-twettiq tal-proġetti, li għandhom ikunu fdati lill-aġenzija eżekuttiva.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar il-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi konformi ma' l-istatut ġenerali stabbilit minn dak ir-Regolament u li tinkarigahom minn ċerti xogħlijiet relattivi għat-tmexxija ta' programm jew diversi programmi komunitarji; din id-deċiżjoni ma taffettwax l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

- (5) It-twaqqif ta' aġenzija eżekuttiva, la timmodifika d-delega mill-Kunsill lill-Kummissjoni tat-tmexxija ta' ċerti fażijiet ta' l-azzjonijiet ipprovdu ti taħt il-programmi differenti u lanqas id-delega ta' xogħlijiet marbuta ma' tmexxija ta' aġenziji nazzjonali dwar ċerti programmi.

(2) Il-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva għandu jippermetti lill-Kummissjoni li tikkonċentra fuq l-attivitajiet u l-funzjonijiet l-iktar importanti, li m'humiex ta' natura li jsiru esterni, mingħajr madankollu ma tiflew il-patrunanza, il-kontroll, u r-responsabbiltà aħħarija ta' l-azzjonijiet immxija mill-aġenziji eżekuttivi.

(3) It-tmexxija ta' ċerti kostitwenti ċentralizzati ta' numru ta' programmi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u dak kulturali jinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti ta'

- (6) Saret analiżi dwar l-ispejjeż u l-vantaġġi għal dan il-għan u uriet li l-fatt li jirrikorru lejn aġenzija eżekuttiva għat-tmexxija ta' ċerti kostitwenti ċentralizzati ta' programmi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u dak tal-kultura jirrappreżenta l-għażla l-iktar vantaġġuża meta mqabbla ma' l-għażliet l-oħra disponibbli, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll mil-lat mhux finanzjarju.

<sup>(1)</sup> ĠU L 11 tas-16.1.2003, p. 1.

- (7) Il-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Aġenziji Eżekuttivi,
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 jipprovi regolament finanzjarju standard għall-aġenziji eżekuttivi mwaqqfa skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 58/2003 <sup>(1)</sup>.

IDDEĊIDIET:

#### Artikolu 1

### Ħolqien ta' l-Aġenzija

1. Twaqqfet Aġenzija Eżekuttiva (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għat-tmexxija ta' l-azzjoni Komunitarja fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u dak tal-kultura, li l-istatut tagħha hu kkontrollat bir-Regolament (KE) Nru 58/2003.

2. Id-denominazzjoni ta' l-Aġenzija hi "Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, ta' l-Awdjoviżwal u tal-Kultura".

#### Artikolu 2

### Post

L-Aġenzija ser tkun fi Brussell.

#### Artikolu 3

### Tul ta' żmien

1. L-Aġenzija twaqqfet għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2005 u li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2008.

2. Trid tiġi mfassla evalwazzjoni ta' l-operat ta' l-Aġenzija, inkluż analiżi ta' l-ispejjeż vis-a-vis il-benefiċċji kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru. 58/2003, mill-Kummissjoni fl-2006, bil-għan tar-reviżjoni jew estensjoni possibbli tal-kompiti ta' l-Aġenzija fil-qafas tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi fil-kamp ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u l-kultura.

#### Artikolu 4

### Għanijiet u xogħlijiet

1. L-Aġenzija tkun responsabbli mit-tmexxija ta' ċerti kostitwenti tal-programmi komunitarji li ġejjin :

- a) it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni Komunitarja fir-rigward ta' l-edukazzjoni "Socrates" approvat bid-Deċiżjoni 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
- b) it-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni Komunitarja fir-rigward tal-formazzjoni professjonali "Leonardo da Vinci" approvat bid-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill <sup>(3)</sup>;
- c) il-programm ta' azzjoni Komunitarja "YOUTH" approvat bid-Deċiżjoni 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>;
- d) il-programm "Culture 2000" approvat bid-Deċiżjoni 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>;
- e) il-programm ta' inkoraġġiment għall-iżvilupp tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej (MEDIA Plus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni 2001-2005) approvat bid-Deċiżjoni 2000/821/KE tal-Kunsill <sup>(6)</sup>;
- f) il-programm ta' formazzjoni għall-professjonisti ta' l-industrija Ewropea tal-programmi awdjoviżivi (MEDIA-formation 2001-2005) approvat bid-Deċiżjoni 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(7)</sup>;
- g) il-programm biex tittejjeb il-kwalità ta' l-edukazzjoni terzjarja u għall-promozzjoni ta' l-iskambju interkulturali permezz tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi (Erasmus mundus) approvat bid-Deċiżjoni 2317/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(8)</sup>;

<sup>(2)</sup> ĠU L 28, tat-3.2.2000, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004 (ĠU L 168, ta' l-1.5.2004, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 146, tal-11.6.1999, p. 33. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU L 117, tat-18.5.2000, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004.

<sup>(5)</sup> ĠU L 63, ta' l-10.3.2000, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004.

<sup>(6)</sup> ĠU L 336, tat-30.12.2000, p. 82. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004.

<sup>(7)</sup> ĠU L 26, tas-27.1.2001, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004.

<sup>(8)</sup> ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 1.

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tat-22.9.2004, p. 6.

- h) il-programm mifruq fuq medda ta' snin (2004-2006) għall-integrazzjoni effettiva tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (TIK) fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u l-formazzjoni fl-Ewropa ("tagħlim on-line") (E-learning) approvat bid-Deċiżjoni 2318/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
- i) il-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza ewropea attiva (parteċipazzjoni ċivika) approvat bid-Deċiżjoni 2004/100/KE tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
- j) il-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-organizzazzjonijiet attivi fuq livell ewropew fil-qasam taż-żgħażaġh approvat bid-Deċiżjoni 790/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>;
- k) il-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-organizzazzjonijiet attivi fuq livell ewropew u għas-sostenn ta' attivitajiet tal-mument fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tal-formazzjoni approvat bid-Deċiżjoni 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>;
- l) il-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-organizzazzjonijiet attivi fuq livell ewropew fil-qasam tal-kultura approvat bid-Deċiżjoni 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>;
- m) il-proġetti fil-qasam ta' l-edukazzjoni terzjarja li jistgħu jkunu finanzjati mid-dispożizzjonijiet relattivi għall-għajnuna għall-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja approvati fil-qafas tar-Regolament KEE Nru 443/92 tal-Kunsill <sup>(6)</sup>.

2. L-Aġenzija ser tkun responsabbli għas-segwenti rwoli, għat-tmexxija tal-kostitwenti tal-programmi komunitarji msemmija fil-paragrafu 1:

- a) it-tmexxija ta' kull fażi tal-proġetti fil-qafas ta' l-eżekuzzjoni tal-programmi komunitarji fdati lilha, skond il-programm ta' ħidma annwali siewja għal deċiżjoni ta' finanzjament fir-rigward ta' sussidji u ta' swieq fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ta' l-awdjoviżiv u ta' dak tal-kultura u

adottati mill-Kummissjoni jew skond deċiżjonijiet ta' finanzjament speċifiku adottati mill-Kummissjoni kif ukoll il-kontrolli meħtieġa, billi tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti skond id-delegazzjoni tal-Kummissjoni;

- b) li tadotta l-istrumenti tal-baġit, l-implimentazzjoni baġitarja għad-dħul u nfiq u twettiq, meta l-Kummissjoni tat is-setgħa li tagħmel dan, għal xi wħud jew kull operat meħtieġ għall-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità, u b'mod speċjali dawk marbuta ma' l-għotja ta' sussidji u kuntratti;
- c) il-ġbir, l-analiżi u t-trasmissjoni lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni kollha neċessarja biex ikun orjentat it-tħaddim tal-programmi komunitarji.

3. L-Aġenzija tista' tkun inkarigata mill-Kummissjoni, wara rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' l-Aġenziji Eżekuttivi pprovduti taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru. 58/2003, mill-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' l-istess natura fil-qafas ta' programmi komunitarji oħra fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u dak tal-kultura, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

4. Id-deċiżjoni tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod dettaljat it-totalità tax-xogħlijiet fdati lill-Aġenzija, u hi adattata skond ix-xogħlijiet l-oħra eventwalment fdati lill-Aġenzija. Din hi mġhoddija, b'titolu ta' informazzjoni, lill-Kumitat ta' l-Aġenziji Eżekuttivi.

#### Artikolu 5

#### Struttura ta' l-organizzazzjoni

1. L-Aġenzija hi mmexxija minn Kumitat ta' Direzzjoni u minn Direttur magħżula mill-Kummissjoni.

2. Il-membri tal-Kumitat tad-Direzzjoni jinħatru għal sen-tejn.

3. Id-Direttur ta' l-Aġenzija jinħatar għal 4 snin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 30, ta' l-4.2.2004, p. 6.

<sup>(3)</sup> ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 40.

<sup>(5)</sup> ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 24.

<sup>(6)</sup> ĠU L 52, tas-27.2.1992, p. 1. Regolament Kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

*Artikolu 6***Sussidju**

L-Aġenzija tirċievi sussidju miktub fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej li jitnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja tal-programmi msemmija fl-Artikolu 4, paragrafu 1 u, fejn xieraq, ta' programmi komunitarji oħra li l-eżekuzzjoni tagħhom hija fdata lill-Aġenzija b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 4, paragrafu 3.

*Artikolu 7***Kontroll u rendikont ta' l-eżekuzzjoni**

L-Aġenzija hi sottomessa għall-kontroll tal-Kummissjoni u għandha tagħti kont b'mod regolari ta' l-eżekuzzjoni tal-

programmi li huma fdati lilha, skond il-modalitajiet u l-frekwenza stipulati fl-Att tad-Delegazzjoni.

*Artikolu 8***Eżekuzzjoni tal-baġit ta' funzjonament**

L-Aġenzija teżegwixxi l-baġit ta' funzjonament tagħha skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004.

Magħmula fi Brussell, fl-14 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Viviane REDING

*Membri tal-Kummissjoni*